

IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Rikors ippreżentat fit-22 ta' Mejju 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-56/12)

(2012/C 243/58)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: EurAA Anwälte für Arbeitnehmer Rechtsanwalts-gesellschaft mbH, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma jitħallsux kontribuzzjonijiet fir-rigward tar-rikorrent lill-istituzzjoni tal-assigurazzjoni għax-xjuħija Ġermaniża jew lil dik tal-Unjoni Ewropea wara tmiem il-kuntratt tiegħu u matul il-perijodu li fih huwa kien qiegħed u talba għall-inklużjoni tar-rikorrent fl-iskema ta' pensjoni tal-Unjoni Ewropea jew għat-trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni tiegħu lill-istituzzjoni tal-assigurazzjoni għax-xjuħija Ġermaniża

Talbiet tar-rikorrent

- tannulla d-Deċiżjoni Nru R/813/11, tal-24.2.2012, tal-awtorità kompetenti għall-konklużjoni ta' kuntratti ta' xogħol tad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,
- tikkundanna lill-konvenuta tinkludi lir-rikorrent, għall-perijodu mill-1.4.2008 sal-31.8.2009, fl-iskema ta' pensjoni tax-xjuħija tal-uffiċjali u tal-membri tal-persunal l-oħra tal-Komunità Ewropea u tħallas il-kontribuzzjonijiet relatati,
- sussidjarjament, tikkundanna lill-konvenuta tissottometti, quddiem l-istituzzjoni tal-assigurazzjoni għax-xjuħija Ġermaniża, għall-perijodu mill-1.4.2008 sal-31.8.2009, talba għall-assigurazzjoni *a posteriori*, u tħallas il-kontribuzzjonijiet relatati stabbiliti mil-liġi,
- sussidjarjament, tiddikjara li l-konvenuta għandha tħallas lir-rikorrent, b'effett minn meta l-pensjoni tiġi likwidata, danni għal kumpens minħabba tnaqqis tal-pensjoni, u b'mod proporzjonali għal dan it-tnaqqis, għall-pensjoni li kien jirċievi r-rikorrent kieku tħallu l-kontribuzzjonijiet bir-rata stabbilita mil-liġi lill-assigurazzjoni għax-xjuħija legali matul il-perijodu mill-1.4.2008 sal-31.8.2009.

Rikors ippreżentat fit-8 ta' Ġunju 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-60/12)

(2012/C 243/59)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: ZZ (rappreżentant: E. Guerrieri Piaceri, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

Annulament tad-deċiżjoni li r-rikorrenti ma tingħatax sitt punti ta' promozzjoni għall-proċedura ta' promozzjoni 2011, reviżjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni u għoti tal-punti neċessarji sabiex tiġi promossa għall-grad AST 2.

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla r-rapport ta' evalwazzjoni li jevalwa lir-rikorrenti għall-perijodu 1.1.2010 — 31.12.2010 u d-deċiżjoni li tagħti lir-rikorrenti żewġ punti ta' promozzjoni għall-istess perijodu;
- bħala konsegwenza tal-annullament, tordna lill-konvenuta twettaq eżami sussegwenti tar-rapport ta' evalwazzjoni tar-rikorrenti, u tagħti l-punti neċessarji għall-promozzjoni tagħha għall-grad AST 2 b'effett retroattiv mill-1.1.2011;
- tikkundanna lill-konvenuta tħallas is-somma stmata *ex aequo et bono* għal EUR 20 000,00 (inklużi l-ispejjeż tal-proċeduri).

Rikors ippreżentat fil-25 ta' Ġunju 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-65/12)

(2012/C 243/60)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentanti: D. Abreu Caldas, A. Coolen, J.-N. Louis, É. Marchal u S. Orlandi, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea